III.

# XAGħAR SAFRANI

Ilmaħtha l-ewwel darba f'għodwa minn l-isbaħ tal-ħarifa waqt li waħdi, kollni mgħaġġel, kont sejjer għax-xogħol.

Wara dik id-darba bdejt naraha ta' sikwit fit-triq tiegħi, tgħaddi minn ma' ġenbi, kollha safa u sbuħija, b'libsa sewda li tostorha kif inhu xieraq; b'mixja ħafifa, ħafifa; b'daħka ħelwa fuq xofftejha lewn il-qroll... ix-xebba tal-ħolm tiegħi!

Jiena bil-kemm kelli għoxrin sena u kull xemx ġdida kienet tkattar f'qalbi l-ġibda li ħassejt għal dik ix-xebba.

Din il-ġibda, biż-żmien, saret imħabba, imħabba l-aktar safja għal dik il-ħliqa li l-ġabra tagħha u x-xagħar minn lewn id-deheb, biddlu f'telfa ta' ras.

Hija kienet togħqod fid-djar ta' biswiti. Mhux darba kont nibqa' fit-tieqa tiegħi nħares lejn it-twieqi tal-kamra tagħha. Bosta mil-ljieli sbieħ tal-ħarifa għaddejthom bi ħbub għajnejja mwaħħla fuq il-ġiżimina li kien hemm f'ħoġor it-tieqa tagħha.

Sigħat sħaħ kont ingħaddi f'mistennija l-aktar ħelwa, nittama dejjem li nara dak il-wiċċ li daħalli f'qalbi. Kull x'ħin kont nilmaħ il-persjani jitbexxqu, qalbi kienet taqbeż bil-ferħ, iżda, wara, kont nerġa' naqa' fi dwejjaq kbar x'ħin flok ir-ras minn lewn id-deheb, kont nilmaħ ras oħra, ras ta' sinjura b'xagħarha lewn l-irmied tħares lejja x'aktar iebes.

Żgur kienet ommha, l-omm li basret bl-imħabba tiegħi għat-tifla tagħha.

Darba waħda, jiena u dieħel id-dar, ix-xebba tal-ħolm tiegħi kienet qiegħda wieqfa fuq il-għatba tad-dar tagħha. Għaddejt minn ħdejha u tatni ħarsa li mlietni b'ħila kbira.

Hija wkoll kienet tħobbni?

Dħalt f'kamarti, imfawwar bil-ferħ, bix-xewqa li ngħaqqad leħni ma' l-ilħna ħelwa tal-għasafar li kienu jittajru mas-smewwiet minngħajr sħaba... kelli għoxrin sena.

Imħabba dik il-ħliqa jien għamilt il-bluhat kollha,

Ktibtilha li nħobbha fuq werqa tal-liedna niexfa; bgħathilha l-isbaħ ward tal-ġnejna tiegħi; ktibt, bid-demm tiegħi, kliem ta' mħabba fuq il-poëżiji ta' *Stecchetti* u bgħatthomlha. Hija qatt aktar ma tatni ħarsa oħra, qatt tbissima, qatt kelma. Iżda... kienet tħobbni, kont żgur li kienet tħobbni.

Darba waħda, ix-xwejħa ta' xagħarha lewn l-irmied lemħitni fit-tieqa, u, wara li tatni ħarsa mqarrsa, għalqet iż-żġieġ tat-tieqa bis-saħħa.

Bla ma ridt bdejt nobgħodha lil dik il-mara; bdejt nobgħodha b'kemm kelli saħħa, għaliex hija kienet is-sur mibni bejni u bejn ix-xebba li wisq ħabbejt.

Dak ix-xagħar irmiedi xtaqt li stajt inqattgħu, nirfsu taħt riġlejja... kont nobogħdu.

Waslet ix-xitwa! Ma' l-ewwel qtajriet tax-xita, waqgħu l-aħħar weraq tal-ġiżimina. Ħoġor it-tieqa tal-maħbuba tiegħi ma baqâx iħaddar.

Iż-żġieġ tat-tieqa ma tbexxaqx aktar; dik id-dar saret bħal qabar li laqa' fih l-imħabba ta' żgħożiti kollha.

Lix-xebba ma rajthiex iżjed. Ix-xagħar lewn id-deheb li kien bil-wisq ferraħni, ma lmaħtux aktar b'għajnejja.

Fejn kienet il-maħbuba tiegħi? Marret fil-bogħod tfittex li tinsieni għal dejjem? Kienet magħluqa f'kamritha minn dik ix-xwejha li kont nobgħod?

Dana l-ħsieb tefagħni f'diqa kbira, f'hemm qawwi li ma stajtx infieq minnu.

Wara xahar sħiħ imgħargħar fi ħsebijiet xejn ma jixxiebhu, wara xahar sħiħ ta' taħbil-il-moħħ, qtajt li għandi immur nieħu l-aħbarijiet tax-xebba tal-ħolm tiegħi minn għand il-qaddejja tad-djar ta' biswiti.

—Xtaqt naf jekk fit-tieni ndana hemmx xi kmamar għal kiri!

—Fit-tieni, lê! Iż-żewġt ikmamar mikrija...

—Lil min?...

—Lil waħda armla li fix-xitwa ma toħroġx...

—U t-tifla tagħha? Jaqaw marida?

Il-qaddejja baqgħet tħares lejja b'ħalqha miftuħ.

—Is-sa' Klar ma għandhiex tfal...

—In-neputija, ridt ingħid, in-neputija... dik ix-xebba b'xagħarha safrani li tgħix magħha...

F'daqqa waħda l-qaddejja nfexxet f'daħka: Ah! Issa fhimt—qaltli—Dik ix-xebba, b'xuxitha lewn id-deheb? Dik hija s-sa' Klari! Ma hemmx ħliefha fit-tieni ndana! Biss... fid-dar tkun b'xagħarha rmiedi u barra b'xagħarha safrani...

Għall-bidu ma stajtx nifhem, iżda wara bqajt bħal mibluh, imnixxef fija n-nifsi.

Mill-ħolma tiegħi, mill-hena li bnejt bil-ħrara taż-żgħożija, ma kienx fadal ħlief *parrokka*, parrokka u ġrajja għal dawk kollha li jħobbu jgħaddu ljieli sħaħ fuq il-kotba, jitgħallmu s-sengħa li titchellem fuk moħħ il-bniedem.

Mill-ġrajja tiegħi dawn l-uħud jistgħu jitgħallmu kif qalb *waħda* tista' tħobb u tobgħod, b'saħħa ta' għoxrin sena, ħliqa' *waħda* f'waqt *wieħed*.

Kalypso
**Ġino Muscat Azzopardi**
89, Strada Santa Lucia, Valletta.